VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,154, 18 ta' Ottubru, 2013
Taqsima B

A.L. 325 tal-2013

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2013 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2013 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 194 tal-2013, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2013 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) (a) L-applikanti għall-qasam ta' studju tal-**Computing Science** għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul tal-Università u jkollhom:

(i) ċertifikat li għaddew fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola bi Grad Ċ jew aħjar fil-Matematika Pura u fi kwalunkwe suġġett ieħor; u

(ii) ċertifikat li għaddew fil-Livell Intermedju tal-Matrikola f'wieħed mis-suġġetti li ġejjin (minbarra s-suġġetti ppreżentati fil-Livell Avvanzat): il-Fiżika, il-Matematika Applikata, il-Bijoloġija, il-Kimika, il-Computing, l-Ekonomija, l-Accounting, l-Ingliż, l-Information Technology, il-Mużika u l-Filosofija,.

(b) Jekk l-applikanti jkollhom kwalifiki oħrajn ikkunsidrati bħala suffiċjenti, dawn jistgħu jiġu eżentati mir-rekwiżiti speċjali tal-kors kollha jew parzjalment, mill-Bord tad-Dħul tal-Università fuq il-parir tal-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà."